KNISJA 2000

Wiehed mill-iktar fenomeni allarmanti li jikkaratterizzaw id-dinja zaghzugha hija l-interess dejjem akbar li dawn qed juru dwar id-dinja tal-okkult u s-satanizmu. F'dawn l-ahhar snin, qeghdin nassistu ghall-'*boom*' veru u propju tal-magija, okkult, spiritismu u sahansitra, satanizmu. Din hi xi haga li ma tistax ma tinkwetaniex! Izjed u izjed meta nisimghu permezz tal-gazzetti u l-mezzi ta' komunikazzjoni, ahbarijiet li jixxukkjawna. Ftit ezempji huma dawn:

- F'Ottubru tas-sena 2001, zewg zghazagh ta' 14-il sena minn Sannicola (Lecce) ghamlu tentattiv ta' omicidju ta' wahda zaghzugha, habiba taghhom, billi qatghulu l-gerzuma. Dawn iz-zghazagh iddikkjaraw li kienu spirati mill-kantant amerikan Marilyn Manson, kantant famuz tar-rock sataniku.
- Xi granet wara, zewg zghazagh ohra minn Muggio' (Milan) dahlu go cimiterju u pprofanaw xi oqbra billi kissru rham u monumenti, fethu oqbra u qalghu igsma ta' mejtin, ghamlu biz-zebgha kitbiet u simboli satanici, fosthom slaleb bil-maqlub. Fuq l-oqbra kitbu anke dagha u wkoll l-isem tal-idolu taghhom Marylin Manson.
- Tfajla ohra ta' 18-il sena minn Milazzo, ghamlet suwicidju fit-toilets tal-iskola. Anke hija kienet wahda li tammira u tisma' regolarment id-diski u muzika rock satanika.
- F'April tas-sena 2002, zaghzugh ta' 23 sena minn Tricase (Lecce), ghamel suwicidju billi tghallaq fil-kantina tad-dar tieghu. Iz-zaghzugh, li kien ammiratur ta' Marylin Manson, ma halla l-ebda kitba li tispjega r-ragunijiet ghas-suwicidju tieghu. Fil-kamra tieghu, il-pulizija Taljana sabu kwantita ta' diski tal-kantant u hafna posters tar-'*rock star*' imwahhla mal-hitan tal-kamra taz-zaghzugh.

Dawn l-episodji nistghu nghaqqduhom ma qtil iehor li xxokkja d-dinja mhux biss Kattolika imma ta' kull twemmin, dak ta' Suor Marija Laura Mainetti, li f'Gunju tas-sena 2000, giet maqtula b'mhux inqas minn dsatax-il daqqa ta' sikkina fi Chiavenna (Sondrio) minn tlett zghazagh minorenni li xtaqu joffru s-sagrificcju taghha lix-xitan. Il-mewt ta' Suor Laura kienet veru u propju sagrificcju uman, offrut lix-xitan. Suor Laura kienet persuna maghrufa hafna ghall-karita' taghha u d-disponibilita' taghha, dejjem lesta li tigri biex taghti l-ghajnuna lil min kien jisab f'xi diffikulta'. Hija kella sahansitra dar li fiha kienet tilqa' tfajliet bi problemi u toffrilhom kenn u ghajnuna. Fil-fatt, dak in-nhar tad-delitt, Suor Laura kienet irceviet telefonata minghand tfajla li b'lehen ta' wahda ddisprata li bdiet tghidilha li nqabdet tqila u se taghmel abort. Is-soru, minghajr ma rrejalizzat li din kienet biss nasba, talbitha biex tghidilha fejn tinsab halli tohrog tiltaqa' maghha. Fil-fatt, fil-qalba tal-lejl, is-soru harget biex tiltaqa' ma din it-tfajla go post imwarrab, f'nofs bosk. Imma minflok sabet lil din it-tfajla li kienet cemplitilha, hija ssib jistennewha tlett tfajliet ta' 17-il sena li tawha dsatax-il daqqa ta' sikkina, f'wiccha u f'partijiet ohra ta' gisimha. Hija nstabet l-ghada mixhuta mal-art go ghadira demm. Waqt l-interrogatorju mill-pulizija, it-tlett tfajliet dehru ddispjacuti, mhux tant ghal fatt li qatlu lil din is-soru imma izjed ghaliex kif qalu huma: '*ghal Satana kienu bizzejjed 18-il daqqa minflok dsatax, anzi dik id-daqqa zejda li tajnieha hassret il-validita' tas-sagrificcju li ridna noffru*'. Ta' min jghid li waqt id-delitt, is-sikkina bdiet ghaddejja min id ghall-ohra u kull wahda mit-tfajliet riedet taghti sitt daqqiet ta' sikkina biex hekk bejniethom jikkomponu in-numru tax-xitan li huwa 666. It-tfajliet stess irrakkontaw li waqt li s-soru kienet qed tircievi d-daqqiet ta' sikkina, hija kienet qeghda gharkopptejha titlob b'idejha ma xulxin. U l-ahhar kliem li lissnet kienu: '*Mulej ahfrilhom'*. Sadanittant it-tfajliet komplew jinfduha bis-sikkina u jinsultawha: '*Mut bastarda! Kompli itlob lil Alla tieghek!*'. Mela nistghu nghidu li dan kien martirju veru u propju. Certu gurnalista

Davide Gorni rraporta fil-gazzetta *Corriere della sera* ( *Abbiamo ucciso la suora per Satana.* 2 t'Ottubru 2000), xi partikolaritajiet li jkomplu jaghmlu dan l-episodju izjed inkwetanti: *'Per rafforzare quell folle patto, le diciasettenni hanno compiuto una serie di riti satanici. Uno, in particolare, dai risvolti raccapriccianti: ognuna delle tre assassine si e' procurata una ferita, alla mano o al polso, per raccogliere un bicchiere di sangue da bere, come eterno giuramento e supremo dono di vestizione nel nome di Lucifero. Soltanto due di loro, pero' l'avrebbero bevuto'.* Il-Pulizija Taljana, wara xhur ta' verifika, ikkonfermaw li dan kien verament sagrificcju uman offrut lil Satana!

L-interess taz-zghazagh ghas-satanizmu, il-magija u l-okkult, jidher li qed jikber sew u b'ritmu mghaggel. Nistghu nghidu li dan hu fenomenu li ma nistghux ma naghtuhx il-piz tieghu jew ninjorawh. Hafna drabi, dan l-interess taz-zghazagh ikun il-bidu ta' episodji ta' vjolenza u vandalizmu.

Hafna genituri huma tal-fehma li s-satanisti mhuma hadd hlief ftit zghazagh li jilbsu stramb u jaghmlu ritwali strambi billi joqtlu annimali u jitolbu lix-xitan minhabba li ghandhom mard mentali. Bhala konsegwenza, jahsbu li din il-problema la tista' tolqot lilhom u lanqas tista' tahkem lil uliedhom.

Imma l-fatti ma jurux hekk! Ix-xbieha ta' ftit zghazagh lebsin l-iswed u b'wicchom mghotti hija biss xbieha superficjali li tawna l-mezzi ta' komunikazzjoni. Fir-rejalta', is-satanizmu huwa xi haga hafna izjed profond u hafna izjed vicin taz-zghazagh milli wiehed jahseb.

## HAJJA BLA REGOLI.

Il-filosofija satanika nistghu nigbruha fil-motto: "**Ghamel dak li trid**". Kien Aleyster Crowley li hareg b'din l-espressjoni u propju fl-1966 waqqaf fi sqallija dik li sejhilha: l-*Abazija ta' Thelema'* li tfisser 'il-post fejn taghmel li trid'. Aleyster Crowley, li kien meqjus bhala 'l-iktar bniedem pervers tad-dinja', b'dan il-motto ried jistieden biex wiehed jghix hajja bla limiti, bla regoli u bla razan. Bhala konsegwenza, kollox isir permess u lecitu: id-droga, il-vjolenza, il-mibeghda, il-vendetta, il-hakma ta' min hu dghajjef minn min hu izjed b'sahhtu.

Dan il-motto: 'Ghamel dak li trid' jirraprezenta s-suppervja li l-bniedem kellu minn dejjem cioe' dik li jrid ipoggi lilu nnifsu minflok Alla u jsir hu stess alla tieghu nnifsu (ara Gen.3;4-8). Dan jaghmlu billi jfassal ligijiet li huma komdi ghalih, ligijiet li minflok ma jaghtu direzzjoni lill-imgieba tieghu, iservu biss biex jissoddisfaw il-pjaciri u l-istinti tal-gisem tieghu. Hija stedina biex wiehed jikkancella u jibdel il-'kultura tal-limitu' li ghandha tkun fil-bazi ta' kull civilta' awtentika, ma wahda laxka, permessiva u liberali.

Jekk nirriflettu fuq il-messaggi li kontinwament jigu mwassla liz-zghazagh permezz tal-muzika, certi programmi fuq it-televizjoni, stampa u fuq mezzi ohra ta' komunikazzjoni, nistghu ninnutaw li l-messagg principali mohbi li jridu jwasslu huwa "ghamel li trid". Ghalhekk ir-riskju li dawn iz-zghazagh jigu maqbuda fi stil ta' hajja 'satanika' huwa gholi hafna. It-tentazzjonijiet jistghu jkunu vicin hafna: mohbija gewwa diskoteka, go film, go diska jew go artiklu li jkun fir-rivista preferita taghhom. Mela rridu ninsew dawk l-erba' zghazagh lebsin l-iswed u stramb, li

jaghmlu ritwali strambi go postijiet imwarrbin! Is-satanizmu veru huwa stil ta' hajja bbazata fuq il-motto: "ghamel dak li trid". Huwa r-rebha tal-egoizmu u tas-suppervja. Huwa s-sensazzjoni li ggib maghha t-tfittxija ghall-poter li xi whud, b'intenzjoni hazina, iridu jitrasmettu liz-zghazagh.

Dan ir-ragunament jghinna biex nifhmu x'hemm mohbi wara l-filosofija satanika. Hija vera filosofija ta' hajja u hemm riskju kbir li tkaxkar liz-zghazagh ghaliex ghalihom tidher bhala 'liberta' totali.

Ha naghti ftit ezempji klassici ta' mgieba 'satanika':

- id-droga u l-alkohol fid-discos,
- velocita' eccessiva bil-karozza,
- tikkalpesta l-hajja tal-ohrajn,
- tfittxija kontinwa ghall-poter u ghall-flus,
- pornografija,
- sess bla razan,
- uzura,
- kriminalita'
- vandalizmu
- nuqqas ta' rispett lejn in-natura u l-annimali.

Din il-kultura ghandha gheruq fondi fis-socjeta' tal-lum li hija dejjem izjed karatterizzata minn egoizmu u minn nuqqas ta' sens ta' dnub. Il-messagg li jigi kontinwament imwassal liz-zghazagh huwa propju dan: kollox hu lecitu, kollox hu permess, kollox hu possibbli, kollox tista' taghmel ladarba tixtieq taghmlu. Qeghdin nghixu f'socjeta' li fiha l-valuri huma 'maqluba': it-tajjeb jigi kkonsidrat bhala hazin u l-hazin bhala tajjeb. Darba waqt *vox pop* dwar x'inhi l-ikbar xewqa li wiehed ghandu, tfajla wiegbet: "l-ikbar xewqa li ghandi hi li qabel immut inhares lura u nkun nista' nghid: 'dak kollu li xtaqt naghmel f'hajti, ghamiltu".

KONFUZJONI BEJN IT-TAJJEB U L-HAZIN.

Fl-istorja tal-bniedem, qatt ma nafu li kien hemm sitwazzjoni bhal dik attwali. Id-dnub u l-hazen, ovvjament, kienu jezistu minn dejjem u jibqghu jezistu dejjem. Izda d-differenza bejn iz-zmien ta' qabel u tal-lum tinsab fil-fatt li llum ma ghadux jezisti izjed 'is-sens ta' dnub'. Wiehed jaghmel il-hazin minghajr ma jinduna li dak li qed jaghmel hu hazin. Iz-zminijiet taghna huma mahkuma minn dak li nsejjhulu 'relattivismu morali' li ma jippermettix li wiehed jifhem x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-hazin b'mod oggettiv. L-Isqof t'Ghawdex Mario Grech, waqt il-konferenza mtella' minn Progettimpenn nhar is-Sibt, 15 ta' Mejju 2010 ikkritika bis-shih ir-relattivizmu morali, u wissa' li effettivament il-kultura sekularista hija kultura li ggib 'l quddiem is-suggettivismu morali u r-relattivismu!

Dan allura jispicca bhal nassa li teqred liz-zghazagh taghna li huma l-ewwel vittmi ta' din l-istil ta' hajja bbazata fuq il-motto: 'ghamel dak li trid'. Illum iz-zghazagh huma fil-veru sens tal-kelma bbumbardjati minn messaggi satanici ta' kull generu u facilment jispiccaw fi triq zbaljata. Hafna zghazagh jaraw certu faxxinu fix-xitan, tant li jqisuh bhala l-allejat taghhom. Jammiraw in-natura aggressiva tieghu bhala 'anglu ribelli' (ara Apok.12;7-9) u jhallu lilhom

infushom jigu ngannati ghax jahsbu li jistghu jghixu hajja 'libera' u bla razan. Imma din hija liberta' li twassal, malajr malajr, ghall-jasar gdid. Tajjeb li nfakkru dak li kien qal il-Kardinal John Joseph O'Connor, li ghal snin twal kien Arcisqof ta' New York. Meta dan tkellem dwar ix-xitan qal:

*"..huwa mportanti ghalina lkoll, li niftakru kemm huma vulnerabbli z-zghazagh meta jghixu hajja mcahhda mill-valuri assoluti kollha, hajja minghajr taghlim morali, hajja bla onesta', hajja konfuza, meta ma hemm hadd biex jurihom dak li hu tajjeb u dak li mhuwiex. Minflok, lilom qed iwasslulhom messagg li hadd ma ghandu dritt li jiddettalhom x'ghandhom jaghmlu, li jghidilhom dak li hu tajjeb u dak li hu hazin. U dan kollu johloq vojt kbir, vojt minn gewwa li fih ix-xitan huwa fuq ix-xwiek li jimlieh bih innifsu. Il-problema hija propju din: li wiehed mhux jirnexxielu jifhem izjed x'inhu it-tajjeb u x'inhu il-hazin".*

Dan huwa d-destin ahhari tal-'kultura' mfassla fuq il-motto 'ghamel dak li trid' li twassal ghal nikilismu pur, cioe' ghax-xejn, ghall-vojt. Is-satanizmu jahdem bis-shih biex jaqleb u jeqred il-valuri tac-civilta' Kristjana. Jaghmel hiltu kollha biex johloq konfuzjoni fost iz-zghazagh, biex jibni speci ta' socjeta' 'gdida' opposta li fiha t-tajjeb jitqies bhala hazin u l-hazin bhala tajjeb.

Din l-ideja hija rapprezentata anki fis-simboli li juzaw is-satanisti fir-ritwali taghhom. Mhux kumbinazzjoni li wiehed mis-simboli li juzaw dawk li jsegwu lix-xitan huwa s-salib bil-maqlub li juri 'il-qlib' tal-valuri Kristjani.

Fatt li ma jistax ma jipprejokkupakx huwa li din il-'kultura' qed tilhaq liz-zghazagh li ghalihom id-dinja tal-okkult u s-satanizmu hija xi haga li taffaxxinahom tant li ssibhom dejjem aggornati dwar is-suggett. Forsi nghidu: kif jista' jkun dan? Kif tista tfajla ta' erbatax jew hmistax-il sena tidhol f'kuntatt mad-dinja tas-satanizmu jew tingibed lejn ix-xitan?

BUMBARADAMENT OKKULTISTA:

Forsi xi hadd jista' jistaqsi: imma x'hemm komuni bejn l-okkult u s-satanismu? Jista' l-okkult iwassal ghas-satanizmu?

Nistghu nghidu li l-okkult huwa r-religjon vera ta' Satana; religjon li tehodha kontra Alla veru u l-fidi; religjon li tehodha wkoll kontra l-bniedem, kontra l-aspirazzjonijiet spiritwali tieghu, ir-razzjonalita' tieghu, ir-raguni li tghinu jistudja u jfittex ghal spjegazzjonijiet razzjonali ghal dak kollu li hu oggett ta' l-gharfien tieghu. F'dan il-kuntest nistghu nghidu li fejn m'hemmx fidi awtentika f'Alla veru, il-bniedem idur fuq allat mahluqa minnu. Hu ghalhekk li l-ktieb tad-Dewteronomju fil-Kap.6, 4-5 jistqarr:

***Isma' Israel: Alla taghna hu l-Mulej, il-Mulej wahdu: Hobb mela lill-Mulej, Alla tieghek, b'qalbek kollha u b'sahhtek kollha***.

Meta nabbandunaw din ir-rabta vera mal-Mulej, induru ghal allat mahluqa minna. Hu forsi ghalhekk li nistghu nispjegaw ghala l-interess taz-zghazagh u persuni ohra lejn l-okkult kiber sew f'dawn l-ahhar snin. Il-kelma 'okkult' gejja mil-lingwa Latina *occultus* (mohbi) u

tirreferi ghall-konoxxenza ta’ dak li huwa mohbi jew sopranaturali. Oroskopji, amuleti, tarokki u seduti spiritici issa saru is-siehba regolari fit-triq tal-hajja tal-generazzjoni l-gdida li hija vittma tal-bumbardament okkultista permezz tal-muzika, televizjoni, loghob tal-*playstation*, *cartoons*, cinema u diskoteki. Huwa bumbardament li sab art tajba fil-hajja ta’ hafna, hajja li spiss hija karatterizzata minn solitudni profonda, sitwazzjonijiet familjari difficli u ncertezzi dwar il-futur. L-interess lejn l-okkult jigi minhabba li dan qed jigi prezentat bhala s-soluzzjoni mmedjata ghall-problemi ta’ kuljum li wiehed jghaddi minnhom. Dan jista’ jikkawza hsara kbira fil-mohh taz-zghazagh. Jista’ jghin biex tinholoq generazzjoni ta’ ‘skjavi moderni’, maqbuda fl-imgieba taghhom stess.

Oroskopji, magija, seduti spiritici u diski ta’ rock sataniku huma frott ta’ negozju kbir li qed jehleb flus bil-miljuni. Hemm min iddecieda li jistaghna minn fuq iz-zghazagh li jaqghu vittmi ta’ din il-‘kultura’.

**Kif jinxtered il-‘virus’ tal-okkult? X’inhuma l-kawzi ta’ din l-epidemija okkultista li laqtet il-generazzjoni l-gdida?**

Iz-zghazagh jahsbu li l-okkult huwa xi haga sabiha, affaxxinanti. Jahsbu li fil-prattika tal-okkult se jsibu xi haga li ssolvilhom il-problemi taghhom u ghalhekk, minghajr ma jindunaw bil-periklu li jkunu se jidhlu fih, jibdew jipprattikaw l-okkult jew sahanistra s-satanizmu.

Il-‘virus’ tal-okkult jinfirex malajr ghaliex kull ma jmur, fiz-zghazagh qed jonqsu dawk li nistghu insejhulhom ‘*antibodies*’ li jghinuhom biex jaffrontaw u jirrezistu ghal dawn il-‘kulturi’ u l-konsegwenzi taghhom. M’hemm xejn li jiddefendi u jipprotegi. F’dawn l-ahhar snin, iz-zghazagh gew *brainwashed* u mbuttati biex ma jibzghux minn dak li jappartjeni ghad-dinja tal-okkult. Imma qatt ma gew edukati biex jifhmu li l-okkult ipoggiehom f’riskju kbir. Meta wiehed jiehu sehem f’seduti spiritici jew riti satanici ma jkun qed jaghmel xejn hlief li jiftah berah il-hajja tieghu ghall-perikli kbar. L-ewwel jibdew b’kurzita’ jew bhala loghob, imma qatt ma jistghu jimmaginaw fejn dawn jistghu jwassluhom.

Forsi wiehed jistaqsi: Ghaliex iz-zghazagh ghandhom din ix-xewqa tant kbira li jilghabu man-nar? Bil-fors li dawn gew ingannati! Xi hadd wassalhom biex jemmnu li l-okkult mhuwiex perikoluz, nar li ma jahraqx. U allura ghaliex ma nistghux immissuh?! Ghaliex ma nistghux nippruvaw?! Biex zaghzugh jasal li jidhol fid-dinja tal-okkult jew tas-satanizmu bilfors li jezistu pontijiet li jaghmluha aktar facli biex wiehed jasal. Fost dawn, wiehed mill-pontijiet l-izjed facli hija certament il-muzika rock li xi whud minnha hija spirata mill-okkult u li f’dawn l-ahhar snin, jidher li saret popolari hafna maz-zghazagh. Bizzejjed naraw ftit xi kwotazzjonijiet mill-istess kantanti jew mil-lirika tad-diski taghhom biex nifhmu kemm din hi *area* perikoluza.

David Bowie fir-Rolling Stone magazine (12 Frar, 1976), ixxokkja id-dinja tal-muzika meta qal:
***"Rock has always been THE DEVIL'S MUSIC . . . I believe rock and roll is dangerous . . . I feel we're only heralding SOMETHING EVEN DARKER THAN OURSELVES."***

Is-super grupp, Metallica, fid-diska tieghu "*Jump in the Fire*", jikkmanda liz-zghazagh biex jaqbzu gol-infern:

***"Follow me now my child . . .***
***DO JUST AS I SAY . . .***
***Jump by your will or be taken by force I'll get you either way . . .***
***So reach down grab my hand walk with me through the land***
***COME HOME WHERE YOU BELONG***
***So come on JUMP IN THE FIRE."***

Ir-Rock star, Marilyn Manson, jiftahar:

***"Hopefully, I'll be remembered as the person who brought an end to Christianity."*** (Spin, Awissu 1996, p. 34)

Marylin Manson, li kien gie ordnat bhala 'qassis' fil-knisja satanika, iqatta lilu nnifsu fuq il-palk (ara 1Slat.18;28), iqatta l-Bibbja, jidghi u jghid kliem oxxen kontra Gesu' Kristu. It-T-Shirts tieghu ghandhom fuqhom il-kitba:

***"KILL YOUR PARENTS"*** u ***"I LOVE SATAN".***

It-Tama ta' Manson ghall-Album tieghu: Antichrist Superstar, hija din:

***"I think every time people listen to this new album maybe God will be destroyed in their heads. . ."*** (huH, Ott. 1996, p.37).

Il- grupp Morbid Angel, fid-diska 'Blaspheny' ikanta:

***"Chant the blasphemy Mockery of the Messiah***
***WE CURSE THE HOLY GHOST . . .***
***Blaspheme the Ghost***
***BLASPHEMY OF THE HOLY GHOST."***

Il-grupp Suicidal Tendencies, li d-diski taghhom jigglorifikaw is-suwicidju u li kienu anki maghrufa bhala l-mutur wara suwicidji fiz-zghazagh, fid-diska taghhom '*Possessed*' ikantaw:

***"I'M A PRISONER OF A DEMON . . .***
***It stays with me wherever I go***
***I can't break away from its hold***
***This must be my punishment FOR SELLING MY SOUL!"***

Fl-Awards tal-MTV fl-1992, il-gurpp Red Hot Chili Peppers, filwaqt li rcieva l-award tieghu qal:

***"FIRST OF ALL we want to thank Satan . . ."***

Ma dawn nistghu inzidu kwotazzjonijiet kemm irridu ghaliex id-dinja tal-muzika, specjalment tal-muzika Rock hija rikka hafna b'din it-tip ta' lirika. Dan biex ma nsemmux il-messaggi

subliminali (messaggi lit ant jinghataw b'velocita' li anqas il-widna ma taqbadhom imma jikkundizzjonaw direttament il-mohh) u l-*back tracking* (messaggi mohbija fid-diski li tismaghhom biss jekk inti tisma' d-diska bil-kuntrarju), Nahseb li hi xi haga li ghandha tinkwetana hafna meta niftakru li l-generazzjoni zaghzugha taghna qieghda b'hegga tisma' dan il-hazen kollu .

MIXJA LI TWASSAL GHALL-KUNTATT MAD-DINJA SATANIKA:

Semplici nteress f'wiehed mill-kantanti tar-rock sataniku hija bizzejjed biex twasslek ghall-kuntatt mad-dinja tas-satanizmu. Izda hemm process ta' kif wiehed jibda' jersaq bil-mod il-mod u permezz ta' diversi stadji lejn din ir-realta' perikoluza.

**L-ewwel stadju**: Fiz-zaghzugh jinbet interess lejn kantant partikolari li jkun 'sataniku'. Iz-zaghzugh jakkwista xi cd's bil-muzika tieghu li permezz taghha jibda' jingibed aktar lejn il-muzika ta' dak il-kantant partikolari. Izda mbaghad, huwa jhoss il-bzonn li jkun jaf aktar.

**It-tieni stadju**: Jibda' jinteressa ruhhu fil-lirika tad-diski bil-konsegwenza li permezz tal-kliem jibda' jidhol f'dik li nghidulha l-filosofija tal-kantant, jigifieri il-hsieb li hemm mohbi wara dik il-lirika.

**It-tielet stadju**: Iz-zaghzugh jakkwista rivisti li jitkellmu mill-hajja tal-kantant preferit tieghu. Dan l-ahhar, f'dawn it-tip ta' rivisti wiehed ma jsibx biss informazzjoni fuq id-diski u l-muzika jew fuq il-kantant izda wkoll isib riklami u artikli dwar il-filosofija u l-prattika satanika u l-okkult.

**Ir-raba' stadju**: Biex iz-zaghzugh isir jaf izjed, jibda' jfittex fl-internet. Meta wiehed ifittex dwar kantanti tar-rock sataniku jirriskja li mbaghad isib ruhu f'siti purament satanici li joffru possibbilta' li tohloq konversazzjoni ma persuni li huma satanici u tiehu sehem fid-diskussjonijiet taghhom. Hawnhekk nistghu nghidu li z-zaghzugh ikun dahal fil-loghba taghhom.

**Il-hames stadju**: Imbaghad, permezz tal-*email* jew *chatting*, iz-zaghzugh jigi f'kuntatt dirett ma xi persuna li tkun f'setta satanika jew magija sewda.

Tajjeb li nghidu li mhux iz-zghazagh kollha jaslu ghall-hames tappa. B'danakollu, ma nistghux neskludu li l-filosofija tal-hajja pessimista li certi kantanti tar-rock iwasslu, ma tistax ma thallix effetti negattivi anki fuq dawk li jibqghu fl-ewwel tnejn jew tlett stadji. Forsi hemm min jghid li certi gruppi jippuzaw ta' satanisti bl-iskop li jiksbu popolarita'. Dawn xorta jwasslu messaggi negattivi u jhallu effett negattiv. Imma nafu wkoll li whud mill-gruppi jahdmu id f'id ma persuni u setet satanici. Fl-Istati Uniti tal-Amerka, hafna mill-artisti tar-rock jahdmu id f'id mal-knisja ta' satana li hija organizzazzjoni kkunsidrata bhala legali! Il-knisja ta' satana twieldet go San Francisco fl-1966 fuq inizzjattiva ta' Anton Szander La Vey. Din il-'knisja' twassal idejologija neggattiva ghall-ahhar. Bizzejjed naghtu daqqa t'ghajn lejn id-disa kmandamenti satanici li jigbru fihom il-hsieb ta' din l-organizzazzjoni:

1. Satana jirraprezenta t-telqa tal-persuna ghall-pjaciri minflok l-astinenza ('ghamel dak li trid').
2. Satana jirraprezenta l-ezistenza vitali flok il-holm spiritwali.
3. Satana jirraprezenta l-gherf bla limitu, minflok ipokrisija u awto-inganni.
4. Satana ifisser tjubija lejn dawk li jisthoqqilhom, minflok imhabba mohlija lejn dawk li huma ngrati!
5. Satana jirraprezenta l-vendetta, minflok taghti haddek l-ohra lil min jaghtik daqqa ta' harta.
6. Satana jirraprezenta r-responsabilita' quddiem dawk li huma responsabbli, minflok l-inkwiet ghal dawk li huma vampiri tal-mohh.
7. Satana jfisser li l-bniedem mhu xejn hlief annimal iehor, kultant ahjar, imma hafna drabi aghar minn dawk li jimxu fuq erbgha saqajn minhabba li permezz tal-grazzja tal-izvilupp divin, intellettwali u spiritwali tieghu sar aktar krudil mill-annimali.
8. Satana jirraprezenta l-hekk imsejjha 'dnubiet' kollha, ghax huma kollha jwasslu ghat-tpaxxija tal-gibdiet tal-gisem, tal-mohh u tal-emozzjonijiet!
9. Satana minn dejjem kien l-akbar habib li Knisja qatt kellha, ghaliex ghal dawn is-snin l-imghoddija kollha, huwa zammha hajja u attiva.

Dawn id-disa' kmandamenti, barra li jghollu hafna d-dnub, huma l-istedina biex wiehed jasal ghall-vendetta li hija ezattament l-oppost tal-mahfra Kristjana. Gilbert Keith Chesterton, kittieb famuz, kiteb hekk: '*il-ferh huwa l-akbar sigriet tan-nisrani'.* Is-satanismu, infatti, jiprezentalna filosofija ta' hajja kompletament opposta. Jaghmel hiltu biex ixerred fost iz-zghazagh arja ta' pessimizmu, ta' dlam, ta' skuntentizza. Barra minn hekk, hu jwassal ghall-mibeghda lejn l-ohrajn.

KONKLUZJONI:

Ix-xitan huwa ghajjur ghal Alla u jaghmel hiltu kollha biex hu jiehu l-post ta' Alla. Fuq kollox huwa jrid li l-bnedmin jaghzlu lilu bhala alla tal-hajja taghhom u jaduraw lilu (ara Lq.4;7-8). L-okkult u s-satanizmu huma zewg toroq li x-xitan jipprezenta lill-bniedem biex jifirdu minn Alla. Xi whud minn dawk li jipprattikaw l-okkult u s-satanismu jahsbu li dak li qed jaghmlu mhu xejn hlief loghob innocenti, imma fil-verita' huma jinsabu f'kuntatt ma forzi negattivi rejali. Mela dan altru li mhuwiex loghob! Ohrajn jahsbu li bil-magija, spiritismu u qari tax-xorti jaslu biex jikkontrollaw dawn il-forzi negattivi. Dan huwa ngann kbir ghaliex, jafu jew ma jafux, il-verita' hi li mhux talli b'dak li jaghmlu ma jikkontrollawx dawn il-forzi imma huwa propju huma stess li qed jigu kkontrollati mix-xitan li poggew il-fiducja taghhom fih.

Meta Gesu' miet fuq is-salib u qam fit-tielet jum, huwa rebah lix-xitan u s-saltna tieghu (ara Kol. 2:15, Lhud 2:14). Mela ahna l-insara qatt m'ghandna nibzghu mix-xitan. Fil-fatt, jekk inqallbu l-Iskrittura u nsibu fejn jissemma x-xitan, qatt ma nsibu li ahna ghandna nibzghu minnu imma, ghal kuntrarju, huwa **hu li jibza' minna** :

- *Kunu meqjusa u ghassu! L-ghadu taghkom, ix-xitan, qisu ljun jghajjat, idur u jfittex lil min se jibla'. Iqfulu shah fil-fidi.* (1Pt.5; 8-9).

- *Ieqfu lix-xitan u hu jahrab minnkom.* (Gak.4;7).

- *Intom gejjin minn Alla uliedi u ga ghelibtuhom: ghax dak li hemm jghammar fikom hu akbar minn dak li hemm fid-dinja. (*1Gw.4;4).

- *Taghtux il-wisa' lix-xitan.* (Ef.4;27).

- *Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilhu tieqfu ghat-tnassis tax-xitan.* (Ef.6; 10-12).

- *kien ghalhekk li deher l-Iben t'Alla biex ihott kullma ghamel ix-xitan.* (1Gw.3;8b).

- *Hudu f'idejkom it-tarka tal-fidi li biha tista' titfu il-vleggeg kollha tan-nar tal-Hazin.* (Ef.6;16).

Il-Papa Pawlu VI, f'diskors li ghamel fil-15 ta' Novembru 1972 qal:

'*Liema huma l-bzonnijiet l-aktar kbar tal-Knisja llum? Thallux it-twegiba taghna ggeghlkom tistghagbu biha, bhallikieku kienet wahda semplici u rrejali. Wiehed mill-bzonnijiet l-aktar kbar hija d-difiza kontra dak il-hazin li jissejjah ix-xitan.*

*Kapitlu mportanti hafna tat-taghlim Nisrani li wiehed ghandu jistudja mill-gdid huwa dak dwar ix-xitan u l-influss tieghu fuq il-persuni, fuq il-komunita', fuq socjetajiet shah jew fuq il-grajjiet; studju li llum mhux qed jinghata l-importanza tieghu. Xi whud jahsbu li jsibu kumpens ghalih fl-istudji psikanalisti u psikjatrici jew f'esperjenzi spiritistici, li llum huma mxerrdin hafna f'xi pajjizi.*

*Liema difiza, liema rimedju sejrin nuzaw kontra l-hidma tax-xitan? It-twegiba hija aktar hafifa biex tifformulaha ukoll jekk tibqa' iebsa biex tatwaha. Nistghu nghidu: dak kollu jharisna mid-dnub jipprotegina minnu nnifsu kontra l-ghadu li ma jidhirx. Il-grazzja ta' Alla hija harsien decisive. L-innocenza tassumi aspett ta' qawwa. Wiehed jiftakar kif il-pedagogija* Appostolika *fl-armatura tas-suldat rat simboleggjata l-virtujiet li jharsu n-Nisrani milli jkun imwegga'* (ara Rum13,12 ; Ef6,11-14,17; 1Tess.5,8). *In-Nisrani jehtieg li jkun militant; jehtieg li jghasses u jkun qawwi u jehtieg xi drabi jirrikorri ghal xi tahrig axxetiku u socjali biex ibieghed l-attakki tax-xitan. Dan jghallimulna Gesu' u jaghtina r-rimedju: 'fit-talb u s-sawm'* (Mk.9,29). *L-Appostlu Pawlu jaghtina l-principju li ghandu jmexxina: '**Thallix li jirbhek il-hazen, imma irbah il-hazin bit-tajjeb**'* (Rum.12,21).

*Ghalhekk waqt li naghrfu l-hazen li l-erwieh, il-Knisja u d-dinja jinsabu fih illum, nippruvaw li naghtu sens u effickacja lill-invokazzjoni tas-soltu fit-talba ewlenija taghna: 'Missierna…ehlisna mid-deni'.*

BIBLIOGRAFIJA:

Francesco Bamonte, *Possessioni diaboliche ed isorcismi,* Edizioni Paoline.

Cipriano De Meo, *Il Divino e l’umano nel mio apostolato di esorcista,* Centro Grafico Francescano (Foggia).

Raul Salvucci, *Che cosa fare con questi diavoli?*, Edizione Ancora.

Gabriele Amorth, *Un ezorcista racconta*, E.D.B.
*Nuovi racconti di un esorcista*, E.D.B.
*Esorcisti e psichiatri*, E.D.B.

P.Elija Vella OFMConv, *Satana*, Religjon u Hajja.